MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 764/2002

Avviz Nru:  764/02 DM

Direttur Generali tax-Xogholijiet

Vs

Samuel Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' tlett elef erba' mija u hdax-il lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm3411.65), dovuta minnhu bhala prezz ta' danni, jew jigi kkundannat ihallas somma ohra verjuri li okkorrendo tista' tigi likwidata minn din il-Qorti, bhala danni nkorsi mill-attur wara li huwa abbanduna l-kuntratt ta' rimpjazzar ta' saqaf perikoluz fil-Palazz ta' Vilhena, fl-Imdina, liema kuntratt jgib referenza LA/SC177/00 prevja dikjarazzjoni illi dan kien dovut

minhabba fl-inadempjenza ta' l-obbligu kuntrattwali tal-konvenut u prevja dikjarazzjoni li huwa responsabbli ghad-danni rizultanti.

Bl-imghax u bl-ispejjez , inkluz ta' l-ittra ufficjali, tat - 28 t'Awissu 2001

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Samuel Camilleri fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ;

2 Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda prodotti;
Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-provi prodotti f'din il-kawza jikkonsistu esklussivament mid-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti mill-attur u mid-dokumenti minnhu esibiti.

Min-naha tieghu l-konvenut illimita ruhu biss ghan-nota tal-eccezzjonijiet izda f'dawn il-proceduri la offra d-deposizzjoni tieghu u lanqas ma pproduca provi.

Mill-provi prodotti mill-attur jirrizulta ampjament li fit-28 t'April tas-sena 2000 kienet saret sejha ghal tenders biex jsiru x-xoghlijiet fis-saqaf ta' Vilhena Palace, l-Imdina u billi t-tender tal-konvenut giet accettata fis-7 ta' Lulju tas-sena 2000 u kien nghata istruzzjonijiet fl-ewwel t'Awissu ta' dik is-sena illi setgha jibda x-xoghlijiet mill-21 t'Awissu tal-istess sena. Dawn ix-xoghlijiet kellhom jitlestew f'erba' (4) gimghat minn dik id-data.

Izda jirrizulta li nonostante d-diversi ittri spediti lill-konvenut biex dana jibda x-xoghol u biex jigi nfurmat bl-inadempjenza tieghu, dan baqa' dejjem inadempjenti u

infatti fid-29 ta' Dicembru tal-istess sena x-xoghol kellu jigi assenjat lill-kuntrattur alternattiv.

Minhabba dan id-dawmien l-attur sofra danni li gew ikkwontifikati fis-somma ta' tlett elef erba' mija u hdax-il lira Maltin u hamsa u sittin centezmi (Lm3411.65) skond kif jirrizulta minn 'break down' relattiv esibit a fol 56 tal-process. Il-figuri indikati f'dan id-dokument huma gustifikati mid-dokument l-ohra esibiti mill-attur u ghalhekk il-Qorti ssib illi dan l-ammont mitlub huwa gustifikat.

Minn dawn il-provi ssib illi t-talbiet attrici huma ampjament gustifikati u jimmeritaw konferma u ghaldaqstant qedgha tilqa t-talba attrici u fil waqt illi tiddikjara li l-konvenut abbanduna l-kuntratt ta' xoghlijiet indikati fl-avviz u ghalhekk ghandhu jkun dikjarat ukoll responsabbli ghad-danni konsegwenti tikkundanna lill-konvenut biex ihallas dawn id-danni li sofra l-attur li qed jigu likwidati fis-somma ta' tlett elef erba' mija u hdax-il lira Maltin u hamsa u sittin centezmi (Lm3411.65) bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Dicembru 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------